MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1132/2003

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Doris Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm72.09) rapprezentanti hlas dovut ghal premia fuq polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha x-xhieda.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ tnejn u sebghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm72.09), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------